C/2025/3212

6.6.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Mejju 2025

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Latvijas Banka

(C/2025/3212)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' April 2025 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Latvijas Banka (BĊE/2025/12) [1],

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jridu jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni ta' Latvijas Banka, SIA Ernst & Young Baltic, intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2024. Għalhekk jeħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2025 'il quddiem.

(3) Latvijas Banka għażel lil KPMG Baltics SIA bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji mill-2025 sal-2029.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li KPMG Baltics SIA jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Latvijas Banka għas-snin finanzjarji mill-2025 sal-2029.

(5) B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE [2] tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"18. KPMG Baltics SIA huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni ta' Latvijas Banka għas-snin finanzjarji mill-2025 sal-2029.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. SZŁAPKA

---

[1] ĠU C, C/2025/2307, 15.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2307/oj.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1999/70(1)/oj).